A.L. 153 ta' l-2005

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti ta' l-2005 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2004 għall-Grad ta' Bachelor of Pharmacy (Honours) – B.Pharm. (Hons) – taħt il-patroċinju tal-Fakulta' tal-Mediċina u l-Kirurġija

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikoli 30(5) u 31(6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Universita' ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakulta' tal-Mediċina u l-Kirurġija bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikolu 37(1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat ta' l-Universita' ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 37(2) ta' dak l-Att:

Titolu u Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jisssejħu bħala l-Ordinamenti ta' l-2005 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2004 għall-grad ta' Bachelor of Pharmacy (Honours) – B.Pharm. (Hons) – taħt il-patroċinju tal-Fakulta' tal-Mediċina u l-Kirurġija.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba l-kuntest ma jitlobx mod ieħor -

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakulta' tal-Mediċina u l-Kirurġija;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Bachelor of Pharmacy (Honours) – B.Pharm. (Hons);

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studji li jwassal għall-grad ta' Bachelor of Pharmacy (Honours) – B.Pharm. (Hons); u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2004.

L-Applikabilita'

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2003 jew wara.

Il-Qasam ta' Studju

3. Il-Grad jista' jingħata fil-Farmaċija bħala qasam ta' studju Ewlieni bl-Unuri.

Ir-Rekwiżiti Speċjali għad-Dħul fil-Kors

4. Biex ikunu rreġistrati bħala studenti regolari fil-Kors, l-applikanti għandhom, minbarra li jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali għad-dħul kif speċifikati fir-Regolamenti għad-Dħul ta' l-Universita', ikollhom ir-rekwiżiti speċjali għad-dħul fil-Kors imniżżla hawn taħt:

(a) għaddew fil-Livell Avvanzat tal-Matrikola bi Grad Ċ jew aħjar fil-Kimika; u

(b) għaddew minn suġġett fil-Livell Avvanzat tal-Matrikola u minn suġġett ieħor fil-Livell Intermedju tal-Matrikola, fiż-żewġ każijiet bi Grad Ċ jew aħjar, magħżula mill-Matematika Applikata jew Pura, il-Bijoloġija, il-Computing, l-Ingliż, il-Filosofija, il-Fiżika.

It-Tul tal-Kors

5. Il-Kors jinfirex fuq medda ta' ħames snin ta' studju fuq bażi *full-time*.

Il-Programm tal-Kors

6. Il-programm ta' studji għall-Kors għandu jkun ippubblikat skond il-provvedimenti tar-Regolamenti Prinċipali, wara l-approvazzjoni tas-Senat, u għandu jinkludi:

(a) taħriġ teoretiku u prattiku fis-suġġetti li ġejjin:

- Plant and animal biology;
- Physics;

- General and inorganic chemistry;
- Organic chemistry;
- Analytical chemistry;
- Medicinal and pharmaceutical chemistry, including analysis of medicinal products;
- General and applied biochemistry;
- Anatomy, histology and physiology, medical terminology;
- Microbiology;
- Pharmacy Practice;
- Pharmacology and pharmacotherapy;
- Pharmaceutical technology, Pharmaceutics;
- Toxicology;
- Pharmacognosy;
- Legislation and professional ethics;

(b) mill-inqas sitt xhur ta' taħriġ *in-service* fi spiżerija miftuħa għall-pubbliku jew fi sptar taħt is-superviżjoni tad-dipartiment farmaċewtiku ta' dak l-isptar; u

(ċ) dissertazzjoni dwar aspett tal-farmaċija prattika approvat mill-Kap tad-Dipartiment.

Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximent

7. Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-klassifikazzjoni tal-Grad għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba f'kull sena tal-Kors, li jingħataw piż skond il-kriterji li ġejjin:

Marka Medja ta' l-Ewwel Sena	10%
Marka Medja tat-Tieni Sena	10%
Marka Medja tat-Tielet Sena	10%.
Marka Medja tar-Raba' Sena	20%.
Marka Medja tal-Ħames Sena	50%.